**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 426/01 AJD*

U.C.I.M. Co. Ltd.

vs

Anthony Bondin u martu AnneMarie Bondin

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin (Lm111.00), rappresentanti import ta' tlett kambjali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00), sittin lira Maltin (Lm60.00) u wiehed u erbghin liri Maltin (Lm41.00) rispettivament debitament accettati, skaduti f'Novembru u Dicembru, 1999, u Jannar, 2000, u mhux imhallsa (Dok. A, B u C).
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju, 2001, jammonta ghal-erbatax il-lira Maltin (Lm14.00), oltre l-imghax ulterjuri, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenut debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin (Lm111.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR